# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  53/98 NA**

**Maria Dolores Muscat**

**vs**

**Marco Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-14 ta' Jannar 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Ottubru 1987 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dokument "A");

Illi l-kunsens ta' l-attrici fil-mument taz-zwieg inkiseb bi vjolenza morali u biza' da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-

attrici kif kontemplat fl-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Ottubru 1987 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esibit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Jannar 1999 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi m'huwiex minnu illi l-kunsens ta' l-attrici fil-mument taz-zwieg inkiseb bi vjolenza morali u biza' da parti tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

2. Illi l-konvenut jaqbel *in parte* ma' l-attrici fuq it-tielet premessa taghha u cioe' illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha skond l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan pero' illi tali vizzju ezista biss fir-rigward ta' l-attrici, kif ahjar spjegat fil-kontro-talba pprezentat mill-istess eccipjent;

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut ipprevalixxa ruhhu mill-istess Nota ta' l-Eccezzjonijiet biex ipprezenta kontro-talba rikonvenzjonali fejn ippremetta:

"Illi l-konvenut izzewweg lill-attrici fit-22 ta' Ottubru 1987;

Illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ta' bejn il-kontendenti a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-attrici ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-22 ta' Ottubru 1987 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALAB li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-22 ta' Ottubru 1987 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li akkompanjat din il-kontro-talba.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut tal-4 ta' Frar 1999 fejn eccepiet:

"Illi l-eccipjenta taqbel mat-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu pero' mhux esklussivament ghar-ragunijiet moghtija fil-premessi ta' l-istess kontro-talba u dana stante li r-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg *de quo* huma mixela ta' fatturi ndikati kemm fic-citazzjoni kif ukoll fil-kontro-talba;

B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata pprezentata ma' dawn l-eccezzjonijiet.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1999 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi biex jigbor il-provi u jirrelata. Effettivament spicca biex irrelata biss ghax l-unici provi li ngabu f'din il-kawza kienu x-xhieda tal-partijiet rispetivi pprezentati bl-affidavits - dak ta' l-attrici b'nota tat-30 ta' Settembru 1999, dak tal-konvenut b'nota tal-24 ta' Marzu 2000. Ma jirrizultax illi sar il-kontro-ezami ta' din ix-xhieda. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2000 fejn id-difensur ta' l-attrici rremetta ruhhu ghar-rapport peritali w il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport mill-konvenut. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 deher il-konvenut mhux assistit u ddikjara li ma kellux x'izid mar-rapport peritali, filwaqt illi b'nota tas-7 ta' Dicembru 2000 huwa wkoll iddikjara li kien qed jirremetti ruhu ghar-rapport peritali.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali deherlu illi l-partijiet kienu "*ill prepared ghaz-zwieg*". Huwa kien ta' l-opinjoni illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg ma kienx shih u kien ivvizzjat u ghalhekk kien tal-fehma li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null. "*Hu minnu wkoll li f'certu kazi l-ossessjoni ta' parti ggib certu biza' fuq il-parti l-ohra u l-esponent dispost jaccetta din it-tezi. Ghalhekk fil-waqt li hu minnu li l-atteggjament ta' l-attrici gabet lill-konvenut jagixxi b'certu mod, gara wkoll il-kuntrarju u cioe' l-atteggjament ossessiv tal-konvenut garr mieghu lill-attrici b'mod li l-kunsens taghhom it-tnejn ma kienx shih fil-mument taz-zwieg u l-esponent jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat.*"

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti hasbet fit-tul jekk it-talbiet attrici w il-kontro-talbiet rikonvenzjonali f'din il-kawza kellhomx iwasslu ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dan iz-zwieg. Fil-waqt illi l-vjolenza fizika u morali fiz-zwieg hija haga ferm kundannabbli din ta' spiss mhiex raguni sufficjenti biex zwieg validu jigi ddikjarat null izda hija biss raguni validissima li ghandha twassal ghas-

separazzjoni tal-partijiet b'tort ghal dik il-parti li tkun ippratikat il-vjolenza u, fejn ikun il-kaz, bis-sanzjonijiet kontra dik il-parti kif imposti mil-ligi.

Dan il-kaz seta' facilment kien wiehed minn dawk il-kazijiet hlief ghall-istampa li din il-Qorti hadet ta' dan iz-zwieg, anke minn qabel ma gie ccelebrat, tul iz-zmien li l-kontendenti kienu gharajjes.  Din l-istampa tohrog b'mod car mill-affidavits tal-partijiet li minkejja illi huma l-unici provi prodotti f'din il-kawza jaqblu fil-punti saljenti taghhom apparti milli jidher li huma maghmulha oggettivament u li jikkontjenu l-verita' ta' x'wassal biex dan iz-zwieg gie celebrat.  L-istorja tal-gherusija nfatti hija kkaratterizzata bl-ghira tal-konvenut ghall-attrici li wassluh f'diversi okkazzjonijiet biex ikun vjolenti ma' l-istess attrici.  Jaccetta wkoll li kien hu li gieghel lill-attrici biex tidhol fiz-zwieg minkejja li hija kienet pjuttost bierda "*Nonostante l-inkwiet kollu illi kellna, jiena kont il-hin kollu nissikka lill-attrici biex nizzewgu.  L-attrici kienet dejjem tghidli li qieghed nghaggel izda maz-zmien accettat illi konna nizzewgu.  Kien car pero', illi jiena kont qieghed incaqlaq kollox biex nizzewgu. Il-maggior parti tal-preparattivi taz-zwieg saru fuq l-insistenza tieghi.  L-attrici kienet tigi mieghi b'arja dizinteressata illi kienet tweggani u konnha nispiccaw niggieldu fuq hekk.*"  Din

il-verzjoni hija piu' o meno identika ma' dik moghtija mill-attrici li, b'affidavit taghha, ipperswadiet lill-Qorti f'dak il-grad rikjest anke f'kawza ta' din in-natura li hija dahlet ghaz-zwieg principalment, jekk mhux unikament, ghax verament bezghet minn dak li seta' jaghmlilha l-konvenut, biza' reali bbazata fuq l-agir tieghu qabel ma hija tat il-kunsens taghha u li wassalha biex taghti dak il-kunsens - kunsens ghalhekk li kien wiehed ivvizzjat a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' sew it-talbiet attrici u sew il-kontro-talbiet rikonvenzjonali u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Ottubru 1987 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandu jkun ovvju li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.